Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 17**
**It-Tlieta 29 ta'Settembru 2020**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fil-

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku (Dahlet 17:50)
Romina Galea : Viċi Sindku ( Ippresediet l-laqgħa sa 17:50)
Jean Claude Borg : Kunsillier (Dahal 18:05)
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier (Skuzat)
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier

ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Sakem waslet Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai l-Viċi Sindku Romina Galea ippresediet l-laqgħa.

**17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

17.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda ittra ta' apoloġija tas-Sur Maurice Agius.
Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta'apoloġija

**17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

17.2.01 Il-Minuti ta'Seduta L8-16 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

17.3.01 B'referenza għall-minuti 14.5.19 dwar il-proġett konġunt Slow Streets minn San Ġiljan sal-Imsida. Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li l-istudju li jwassal għall-analiżi u rapporti b'proposti ta'fejn jistgħu jkunu identifikati toroq li jistgħu jingħalqu temporanjament għat-traffiku u biex jippermetti għall-użu aħjar mill-pubbliku waqt ċertu ġranet , ħinijiet jew okkażjonijiet huwa kważi konkluż filwaqt li dan għad rrid jkun diskuss aktar il-quddiem bejn l-AKL, T.M u l-lokalitajiet oħra parteċipanti.

17.3.02 B'referenza għall-minuti 7.5.20 is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda il-pjanti proposti li se jkunu preżentati lill-MECP għall- proġett ta tisbiħ u aċċess għall-pubbliku fiz-zona fejn qed ssir l-afforestazzjoni.

17.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ċirkulari SPI / 3 /2020 fejn spjegat li din hija skema għall-applikazzjoni ta' fondi biex jkun jista' jsir proġett kapitali fejn jista' jkun li dawk il-proġetti ġa msemmija Slow Streets u l- aċċess pubbliku fiz-zona fejn qed ssir l-afforestazzjoni ikunu eliġibbli biex jiġu kunsidrati u jikkwalifikaw. Hawn kompliet tispjega li se jkun konsultat il-perit biex il-kunsill jkun jista' japplika.

17.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li żewġt blokki ta'appartamenti rakkomandati fi'Triq il-Prinċipessa Margaret ma jistgħux jiġu aċċettati minħabba li dawn l-appartamenti m'għadhomx governattivi iżda saru privati. Hawn kompliet tispjega l-Awtorità ta'djar talbet biex jkunu proposti żewġt blokki oħra.

Is-Sur Emanuel Brincat staqsa jekk fil-futur ma skemi simili jistgħux ikunu kunsidrati dawk il-Blokki ta'appartamenti Governattivi li hemm go Swatar parti minn Msida. Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li infatt diga kien hemm blokk li ppartecipa f'din l-iskema.

17.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda pjanta ma' ritratti ta' bankina ġdida go Triq Achille Ferris fejn għarrfet lill-kunsilliera preżenti li din saret wara li sidien tal-binja ġdida pproponew u kkonsulta mal-kunsill kif l-aħjar ssir.

17.3.05 B'referenza għall-minuti 15.4.07 is-Sindku tkellmet dwar l-aċċess għal parti li ngħalqet fi Triq Achille Ferris fejn għarrfet lill-kunsilliera preżenti li se nitolbu lill-kumpanija ta'Periti nkarigati mis-sidien biex jinfurmaw lill-kunsill fhiex waslu fuq ix-xogħol li rrid ssir privatament fit-triq.

17.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza minn T.M dwar proċeduri ta'applikazzjoni għall-installazzjoni ta miżuri ta' protezzjoni go toroq fejn għarrfet lill- kunsilliera preżenti li TM QED izżarmaw bosta strutturi li mhux approvati mill-istess awtorità.

**17.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

17.4.01 B'referenza għall-minuti 16.4.03 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa għala waqaf ix-xogħol fuq il-proġett tad-drenaġġ go Triq Xatt ta'Xbiex.

Is-Sur Alfred Farrugia qal li fil-mument f 'partijiet mit-triq hemm id-drenaġġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li x-xogħol waqaf minħabba problema li tfaċċat iżda dan se jerġa jibda filwaqt li l-problema ta' drenaġġ fit-triq jaf biha u għada kollox lill-WSC li qed jieħdu ħsieb.

17.4.02 B'referenza għall-minuti 16.4.05 Is-Sur Selvaggi staqsa jekk kienx hemm aġġornament ta' ċifri fuq ċitazzjonijiet li saru fuq skart.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma kienx hemm aġġornamenti.

17.4.03 B'referenza għall-minuti 16.4.07 dwar it-talba għall- road humps go Triq L-Zamenhof, is-sur Emanuel Brincat qal li saret l-ordni biex jinxtraw u jeħlu.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li fil-fatt ġa weħlet waħda filwaqt li t-tieni waħda għanda teħel fil-ġranet li ġejjin.

17.4.04 B'referenza għall-minuti 16.4.08 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li r-road hump li ġiet ordnata għall Triq Johnny Catania k/m Triq it-Tabib R.Naudi hija wkoll lesta.

17.4.05 B'referenza għall-minuti 16.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li l-gradilja għall-ilma ta'xita go Triq il-Kunċizzjoni hija lesta filwaqt li qed jintalbu l-iriċevuti minn għand l-applikant biex l-Kunsill jieħu ħsieb għall-ispejjez.

17.4.06 Is-sur Charles Selvaggi tkellem b'referenza għall-minuti 16.5.06 dwar il-bankijiet go Triq il-Prinċipessa Margaret li ġew żarmati u 16.5.08 dwar biċċa fetħa perikoluża biswit binja ġdida go l-istess triq fejn din ġiet magħluqa filwaqt li irringrazzja lil dawk involuti.

B'referenza għall minuti 16.5.06 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li tkellem mal-iżviluppatur fejn qallu li l-pletform tal-krane se tiżżarma u wara li l-kuntrattur jagħmel xi culverts għandu jirranġa kollox.

17.4.07 B'referenza għall-minuti 16.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda l-pjanti tal-bini residenzjali tal-Gvern li qed jitla go Triq il-Wied fejn spjegat li spazju għall-parkeġġ għalkemm żdied ftit xorta mhux għal kemm hemm bżonn.
Hawn kompliet tispjega li qed tinsisti mal-awtorità biex jinħatt il-bini perikoluż go Triq l-Ispiżjar Sciberras biex jitnehha l-abbuzi u l- hmieg li qed ikun hemm.

17.4.08 Is-Sindku għarrfet lill-kunsilliera preżenti li se jkun qed jinxtaghal dawl roża mal-faċċata tal-binja għall xahar biex bhall kull sena l-Kunsill jipparteċipa għall -Pink October.

**17.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

17.5.01 B'referenza għall-minuti 10.5.15 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-proġett tal- I.M tal-fly over u xogħolijiet oħra relatati li jinteressa lill-Kunsill fejn għarraf lill-kunsilliera preżenti li fil-mument jinsab għaddej il-proċess għall-approvazzjoni mill-PA u ħarġet is-sejħa għax-xogħolijiet. Hawn kompla jispjega li fil-Bord jista' jkun hemm rappreżentat wieħed fejn jekk jaqbel il-Kunsill dan jkun il-kunsillier responsabbli mis-settur.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar min se jieħu ħsieb il-ġnien u l-affarijiet go Misraħ 5 ta'Ottubru jew jekk hux se jkun hemm xi konsultazzjoni dwar Traffic Management meta jibda il-proġett.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li dwar Misraħ 5 ta'Ottubru għad ma hemmx dettalji finali u jridu jiġu konfermati. Filwaqt li dan il-proġett huwa estiż għall-parti minn Triq il-Wied u se jkun hemm flood water relief għalhekk traffic management għad rrid jkun diskuss.

Il-Kunsilliera preżent ddiskutew u qablu unanimament li l-Kunsill jkun rappreżentat fil-Bord tal-PA mis-Sur Emanuel Brincat.

17.5.02 B'referenza għall-minuti 15.5.02 dwar it-tender tal-ġonna, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li dan huwa lest biex toħroġ is-sejħa fejn l-valur stmat huwa ta' €138,000 mingħajr VAT għall-erba' snin fejn kif ġa kien spjegat qabel hemm kunsidrati l-fatturi varjabbli għall-servizzi ta' tisqija minn browsers.

Il-Kunsilliera preżent ddiskutew u qablu unanimament li toħroġ is-sejħa.

17.5.03 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti u poġġa fuq il-mejda proposta għall sistema avvanzata għal ipproċessar ta'permessi maħruġa mill-Kunsill fejn spjega li minkejja s-sistema aktar effiċjenti introdotta minnu erba' snin ilu serviet l-skop tajjeb hemm ħafna limitazzjoni għall bżonnijiet tal-lum. Hawn kompla jispjega li mal-ġurnata ġie mgħarraf wkoll b'proposti oħra.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li jaraw x'hemm u liema huma dawk il proposti preżentati li jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet tal-kunsill għal aħjar offerta vantaġġuża.

17.5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tlett stimi b'referenza għall-minuti 15-5-07 dwar xiri ta'apparat għall-arja kundizzjonata fil-Board room u l-uffiċju tas-Sindku kif indikat inkluż il-VAT : A=(€1854), B=(€1990) ,C=(€1854.5).

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament ma'stima A=(€1854).

17.5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li bil-maltemp riċenti kien hemm ħsarat fis-sular ta'fuq minħabba dħul ta' ilma. Hawn kompla jispjega li hemm wkoll ħsara viżibbli fil-gallariji fejn il-ġebel huwa fi'stat perikoluż li jinqala. Għalhekk talab għall stimi biex tingħata attenzjoni urġenti u ssir dan ix-xogħol malajr kemm jista' jkun fejn waslet stima waħda biss ta' €1787

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u kunsidrati il-ħsarat fejn qablu unanimament mal-istima preżentata.

17.5.06 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda kopja tal-iskemi finanzjarji 1 sa 6 maħruġa mir-Regjun Ċentru fejn spjegat li l-Kunsill ġa applika u bbenefika minn skemi 2 sa 4 ( €3384.62 ) u parti minn skema 1 (€13,679.07).

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li skema 5 hija marbuta ma' tiżjin tal-Milied u poġġa fuq il-mejda tlett proposti ta'disinji (A,B,C) biex ssir Rue D'Argen €2500 u dawl ieħor go Triq Prinċipessa Margaret €500.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament ma' disinn A.

17.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja tal-H&S rapport li ssir kull xahar għall-bandli tal-Imsida u Swatar fejn spjegat li hemm bosta apparat ġol-Imsida li huwa antik, qed jiġi vandalizzat u ma taqbilx
li jissewwa għax jigi iktar ghola u mhux paratikabbli. Hawn kompliet tispjega li għalkemm il-kunsill jista' jiddeċiedi li jirranġa l-bandli tal-Imsida hemm il-problema minħabba l-proġett tal-Fly over għax meta dan jibda jkun rrid jerġa jinqala kollox. Iżda din għad ma hemmx dettalji meta se jibda x-xogħol waqt li l-bandli ma jistax jibqa' f'stat ħażin.

Is-Sur Charles Selvaggi ppropona li ssiru
tabelli meta jingħalaq u jinġabu strutturi ġodda għal go Pjazza Victor Denaro.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament
li jinġabu stimi għal strutturi ġodda u meta jibda ix-xogħol tal-Fly over dawn jistgħu jiġu trasferiti għal Triq Victor Denaro wara li dan jiġi rranġat u addattat għalhekk .

17.5.08 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-binja tal-Kunsill u spjega li jekk il-kunsill rrid jibni sulari ġodda hemm bżonn ikun hemm idea ċara kemm dan se jiswa biex il-kunsill jagħmel pjan.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament

17.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda draft tal-ftehim għall-sena li jista’ jiġġedded sa mhux aktar minn erbgħa snin għall użu tal-IT Centre. Hawn spjegat li dan jinkludi numru korsijiet elenkati li se jkunu b'xejn għar-residenti tal-Imsida ħlief għall-ispejjez amministrattivi li jista’ jkun hemm jew spejjez relatati jekk jinkludi eżamijiet .Ma dawn se jingħata wkoll ECDL online b'xejn ħlief għall eżamijiet għall ewwel 40 resident mill-Imsida li mistenni jibda fil-ġimghat li ġejjin.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament mal-ftehim

17.5.10 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar il-kalendarju annwali tal-kunsill u ppropona tema ta' logħob tradizzjonali antik.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament mat-tema.

17.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ġie osservat l-istat ta'bosta monumenti u bust li hemm ġewwa l-Imsida fejn poġġa numru ta' ritratti li qed juru l-livell ta'manutenzjoni li għandhom bżonn u
stimi għall kull wieħed ta'xogħol li għandhom bżonn.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li ssir manutenzjoni skont l-stimi provduti.

**17.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

17.6.01 Ma kienx hemm rapporti.

**17.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;**

17.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-17 ta’ ħlasijiet bejn is-26 ta'Awissu sa 27 ta'Ottubru 2020 għall-approvazzjoni tal-Membri.

L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Alfred Farrugia.

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**17.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

17.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:15 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 27 ta'Ottubru 2020 fil-5:30 pm.

Minuti konfermati, illum 27 ta'Ottubru 2020

IFFIRMATA IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv